# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 41

Il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

41.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil u l-Kunsilliera Juliet Attard infurmaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol u familjari. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

### 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

41.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 40 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

41.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

41.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

41.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li beda x-xogħol ta' armar tat-tiżjin tal-Milied madwar il-lokalita', kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi, li mistenni jkun komplut fil-jiem li ġejjin.

41.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li ġie mfassal il-programm tal-Milied għal din is-sena li ser jittella' bl-appoġġ finanzjarju tal-Ministeru Għal Għawdex kif ukoll tal-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali. Huwa ppropona wkoll sabiex il-Kunsill jestendi l-inizjattiva tal-Milied Solidali 2021 tal-Kunsill Reġjonali Għawdex u titqassam tifikira tal-Milied lill-anzjani li bħalissa għaddejjin minn żmien diffiċli ġewwa djarhom. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

41.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li beda x-xogħol fuq is-*safety mats* ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, liema proġett huwa ffinanzjat parzjalment minn fondi ewropej taħt il-miżura 19.2 tal-programm *Leader*. Dan ix-xogħol ser jinvolvi l-qlugħ tat-tapit eżistenti u l-installazzjoni ta' tapit b'sistema innovattiva. Rigward Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, huwa informa lill-membri li wara li kienet saret applikazzjoni għall-finanzjament taħt l-iskema SPI/SCI/2/2021 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, din ġiet milqugħa parzjalment u l-Kunsill ser jingħata €42,283 għall-manutenzjoni ta' dan il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv intervjena billi għarraf lill-membri li dan il-post jinsab magħluq għall-pubbliku minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin iżda xorta waħda qed ikun hemm nies mill-pubbliku li qed jidħlu ġewwa. Kien hemm qbil mill-membri li jerġa' jsir avviż fuq il-mezzi soċjali.

41.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif diskuss fl-aħħar laqgħa, it-tabella li tinsab fi Triq Santa Dminka, ħdejn Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, li tgħarraf lis-sewwieqa li jista' jsir biss parkeġġ ta' vetturi żgħar, ma nstabx permess uffiċċjali għal din it-tabella. Għalhekk is-Sindku ppropona li titneħħa. Kien hemm qbil dwar dan.

41.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-applikazzjoni sottomessa mill-Ministeru Għal Għawdex għar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi ġiet approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 41.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

41.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis ressqet suġġeriment ta' resident sabiex issir pedestrian crossing fi Triq Marziena fil-Munxar. Wara diskussjoni dwar dan ma kienx hemm qbil mill-membri minħabba li diġa' hemm tnejn fil-viċinanzi tal-post suġġerit.

41.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi staqsa dwar il-possibilta' sabiex isir ilqugħ tal-ilma tax-xita fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar ħdejn ir-*restaurant* u l-ħanut l-ieħor. Is-Sindku wieġeb li diġa' qed tiġi evalwata din il-possibilta' u ser tiġi diskussa mal-Perit tal-proġett. Kien hemm qbil mill-membri biex tinstab soluzzjoni dwar dan.

KUNSILL LOKALI MUNXAR

## 41.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

41.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex isir ix-xogħol ta' estensjoni tal-*main* tad-drenaġġ kif ukoll tal-*main* tal-ilma faċċata ta' Triq Damasku biex b'hekk ikun jista' jkompli l-iskavar fil-pjazza minħabba li dan ma setax isir għax kien hemm il-konnessjonijiet ta' dawn is-servizzi.

41.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li wara li saret laqgħa oħra mal-Perit tal-Kunsill u mal-kuntrattur, ser jibda jiġi mkejjel ix-xogħol li diġa' sar mill-kuntrattur. Il-Perit issuġġerixxa sabiex il-Kunsill iqabbad *land surveyor* indipendenti biex il-kejl ikun preċiż. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 41.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

41.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika sal-15 ta' Diċembru 2021 li fiha jiġu diskussi l-estimi finanzjarji għas-sena 2022 wara li jiġu evalwati s-suġġerimenti mill-pubbliku li jattendu għal din il-laqgħa pubblika. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa issir nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fil-5.30pm u jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

## 41.7 Jum il-Munxar 2021;

41.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-applikazzjoni għall-permess mal-awtoritajiet tas-saħħa biex tittella' s-serata fiċ-Ċentru Parrokkjali ġiet milqugħa u għalhekk ser tittella' s-serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali bħas-soltu nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru 2021 wara l-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja fl-4pm.

41.7.2 Is-Sindku ppropona sabiex 'Ġieħ il-Munxar' jingħata lil Anthony Curmi filwaqt li jingħata rikonoxximent lil kull membru fi ħdan il-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin f'għeluq l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tas-sezzjoni. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għal dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 41.8 Attivitajiet tal-Milied 2021;

41.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-applikazzjoni għall-permess mal-awtoritajiet tas-saħħa biex isiru l-attivitajiet tal-Milied ġiet milqugħa.

41.8.2 Is-Sindku ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-membri preżenti l-programm imfassal għall-attivitajiet tal-Milied. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

## 41.9 Sejħiet għall-offerti;

41.9.1 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: MXR/06/2021 – *Works Tender for the Setting Up of Smart Waste Depots in Xagħra and Xlendi*;
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-3 ta' Novembru 2021. Kien hemm żewġ offerti: Sultech & Co - €63,662.70 u AIS Technology Ltd - €55,936.00. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent AIS Technology Ltd li kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

41.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri dwar sejħiet għall-offerti li jridu jiġu ppubblikati li jinkludu: is-sejħa għal servizz professjonali ta' Perit u Inġinier minħabba li l-kuntratt preżenti tal-Perit ser jiskadi fix-xahar ta' Jannar, is-sejħa sabiex jinxtraw lava planters taħt l-iskema ta' Ambjent Malta, is-sejħa għall-operat tal-Waste Depots fix-Xlendi, is-sejħa għax-xogħlijiet taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020, is-sejħiet relatati mal-iżvilupp u titjib fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina taħt l-iskema SPI/SCI/2/2021, kif ukoll it-tiġdid tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku wara approvazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għall-pubblikazzjoni ta' dawn is-sejħiet għall-offerti.

## 41.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

41.10.1 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar mandat ta' sekwestru mis-sekwestrant Gatt Enterprises Limited

kontra s-sekwestrat Road Construction Co. Ltd. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma l-*letter of acceptance* dwar ix-xogħlijiet fi Sqaq Wied L-Għawdxija. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jibda l-preparazzjonijiet biex jiġi mplimentat dan ix-xogħol.

41.10.3 Il-Kunsill irċieva korrisponednza mingħand l-għaqda 'Cast-Out' sabiex jitolbu permess li ssir *clean up* fil-Wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

41.10.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex bid-dettalji tat-tqassim tal-ikliet f'Jum il-Milied taħt l-inizjattiva tagħhom Milied Solidali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.5 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Direttorat tal-Gvern Lokali Stateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, il-ftehim għall-finanzjament tal-iżvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li jiġi ffirmat.

41.10.6 Ċirkulari Nru AKL 2021/124 – AFM Officials. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.7 Ċirkulari Nru AKL 2021/125 – AKL Webinar – Info Session – Culture and Heritage 02/12/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.8 Ċirkulari Nru AKL 2021/126 – Reconciliation – Fun Run 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.9 Ċirkulari Nru AKL 2021/127 – Ittra Soċjtajiet tal-Banda. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.10 Ċirkulari Nru AKL 2021/128 – LCA Parking Document. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.11 Ċirkulari Nru AKL 2021/129 – Charging Pillars Infograpgics for LCs. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.12 Ċirkulari Nru AKL 2021/130 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

mġedda din il-polza għall-membri tal-Kunsill, staff u ħaddiema tal-CWSEF assenjati mal-Kunsill.

41.10.13 Ċirkulari Nru AKL 2021/131 – Report by the Auditor General on the Workings of Local Government for the year 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.10.14 Ilment 90/2021
Resident jitlob sabiex issir mera tat-traffiku fi Triq Ta' Rinota faċċata tat-T/G fi Triq Rinota. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u tinġab *no objection* minn Transport Malta.

41.10.15 Ilment 91/2021
Tilmenta li qed jidħol l-ilma tax-xita fil-garaxx tagħha u tissuġerixxi li fi Triq Dun Spir Gauci isiru *storm water culverts* biex jilqa' l-ilma tax-xita għax dak li hemm fil-bidu ta' Triq Dun Alan Fenech mhux ilaħħaq biex jiġbor l-ilma kollu. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol qed fil-pjanijiet futuri tal-Kunsill.

41.10.16 Ilment 92/2021
Jilmenta dwar il-problema tal-ilmijiet li qed jinġabar fi Pjazza Anfori fix-Xlendi lejn il-port. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ressaq diversi talbiet mal-Gvern Ċentrali sabiex jitnaddaf il-wied tax-Xlendi mill-qasab u b'hekk tissolva l-ħsara kollha li qed issir kull darba li tagħmel ħafna xita.

41.10.17 Ilment 93/2021
Titlob sabiex issir bozza LED ġdida mal-arblu eżistenti fi T/Ġ fi Triq Ta' Rinota. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 41.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

41.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 41/2021-8 għall-perjodu bejn id-19 ta' Novembru 2021 u d-9 ta' Diċembru 2021 li tammonta għal €25,836.41 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier, Joseph Cauchi kien il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku Carmen Parnis is-sekondant.

## 41.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

41.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 ta' Jannar 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 ta' Jannar 2022.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR